MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 228/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Louis Zahra**

**Illum 26 ta' Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Frar, 2010, ghall-habta ta' 08.00 hrs, fil-Qasam Industrijali ta' Hal Luqa :
1. waqt li kien qed isuq motor cycle bin-numru MIC-722 naqas li jilbes il-"crash helmet";
2. saq il-mutur imsemmi numru MIC-722 minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex jintuza fit-triq (licenzja tal-mutur mhux rinnovata);
3. ghamel uzu mill-imsemmi mutur numru MIC-722 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, ir-Regolament 123(2) tal-A.L. 128/1994, ir-Regolament 13(1) tal-A.L. 198/2009 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta' Euro 46 ammenda fuq l-ewwel akkuza, piena ta' Euro 117 multa fuq it-tieni akkuza, w wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' seentejn (2) l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija w din ghat-tielet akkuza.
Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.
Finalment il-Qorti tat lill-appellant Louis Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata w tenut kont tar-ragunijiet specjali u straordinarji li wasslu ghall-akkadut, tinfliggi pieni izghar u izjed xierqa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

i. Illi l-Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu wara li l-istess appellant ammetta l-akkuzi msemmijja;

ii. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet akkuza, l-piena nflitta fuq l-appellant sejra tfisser illi l-appellant mhuwiex sejjer ikun jista' jigbor u jwassal il-vetturi li jahdem fuqhom, minn u ghand il-klienti tieghu, u bhala konsegwenza ser taffetwa drastikament l-uniku sors ta'

qliegh tieghu u allura l-ghejxien tal-familja tieghu, u in vista ta’ dan piena izghar tkun izjed xierqa u dana dejjem tenut kont tar-ragunijiet specjali u straordinarji li wasslu ghall-akkadut, u dan ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat :

Ili dana huwa appell limitat ghall-piena specjalment is-sospensjoni tal-licenzja.

L-appellant spjega c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz fejn kien kostrett illi jsuq mutur zghir u jittrasferih minn bieb ghall-iehor ghall-garage. Kellu skop genwin sabiex iccaqlaq il-mutur biex jevita illi t-tifel tieghu ta’ sittax il-sena, li beda jahdem fil-garage, jkollu t-tentazzjoni jsuq il-mutur minghajr licenzja. Sfortunatament dak il-hin kien ghaddej PC 353 Antoine Sacco illi rah isuq mutur u l-appellant gie mharrek biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi.
Id-difiza talbet illi jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9.

L-Avukat Generali minn naha l-ohra argument illi l-fatt illi l-mutur instaq ghal distanza zghira ma taghmilx differenza. Il-mutur kien qed jinstaq fit-triq u ghalhekk is-sospensjoni tal-licenzja hija xi haga tassattiva, ggib konsegwenza ta’ dan ir-reat u ma jistax jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Filwaqt illi din il-Qorti tapprezza d-diffikulta’ li ghandu l-appellant fix-xoghol tieghu ta’ “spray painter”, ma tistax tinjora l-fatt illi skond l-artikolu 3 (2A) tal-Kap. 104 is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan hija tassattiva w ma tistax tigi mibdula bl-uzu tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 lanqas jekk jezistu raguni straordinarja ghal dan.

Is-sospensjoni nflitta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi varjata.

Hu ormai principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-

konkluzzjoni li din il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u ma tarax illi ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti, aktar u aktar meta dina kienet ibbazata fuq ammissjoni, f'liema kaz ma kellhix triq ohra hlief tghaddi ghall-kundanna tal-appellant (ara "Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri" 20.01.1995).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------